# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IT-TLIETA, 16 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1902/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Joanne Tanti

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin liri Maltin u sebgha u erbghin centezmi (Lm85.47) rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mit-23 ta' Mejju, 1999, sat-23 ta' Mejju, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony J. Vella, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsa u tmenin liri Maltin u sebgha u erbghin centezmi (Lm85.47) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR